MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 999/1988/1

David Curmi ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Middle Sea Insurance Co. Ltd. kif surrogata fid-drittijiet tal-kumpanija Multi Packaging Limited
vs
Salvino Ellul Sullivan, Harry Ellul Sullivan u Edward Ellul Sullivan bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Sullivan & Sullivan Ltd. u din bhala agent tas-socjeta` estera Polskie Linie Oceaniczne
u
Godwin Abela u Alfred Aquilina bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 11 ta’ Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta’ Ottubru 1988 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi, kif jirrizulta mill-poloz tal-kariku hawn annessi (dok. A u B) il-kumpanija konvenuta Sullivan & Sullivan Ltd. nomine garret minn Gdynia, il-Polonja ghal Malta mija u tnejn u erbghin (142) reel fluting paper destinati lill-kumpanija Multi Packaging Limited permezz tal-vapur “Zeran”, liema vapur wasal Malta fil-25 ta’ Dicembru 1987;

Illi l-merkanzija nhattet minn fuq il-vapur fis-26 ta’ Dicembru 1987 u tqieghdet fil-kura u/jew kustodja u/jew kontroll u/jew pussess tal-kumpanija konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.;

Illi, meta l-kumpanija Multi Packaging Limited giet biex tirtira l-merkanzija irrizulta li l-istess merkanzija kienet garrbet hsara konsiderevoli u l-kumpanija Multi Packaging Ltd. bhala rizultat sofriet danni;

Illi l-kumpanija assikuratrici attrici hallset lill-assikurata taghha, l-kumpanija Multi Packaging Ltd., is-somma ta’ tnax il-elf seba mija u hamsa u tmenin lira (Lm12,785) ghad-danni kif kienet obbligata li taghmel skond il-polza ta’ assikurazzjoni u giet surrogata fid-drittijiet tal-istess Multi Packaging Limited, kif anke jirrizulta mill-ircevuta u surroga hawn annessa (dok. C) u hallset ukoll mitt lira (Lm100) spejjes tas-survey;
Illi ghal hsarat u d-danni fuq imsemmija huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom minhabba nuqqas li josservaw u jadempixxu l-obbligi taghhom u/jew negligenza u/jew imprudenza u/jew traskuragni;

Illi l-konvenuti nomine, nonostante li gew interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni, baqghu inadempjenti;

talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghal hsara li garrbet il-kumpanija Multi Packaging Limited u ghad-danni sofferti b’rizultat tal-istess;

2. tillikwida d-danni sofferti b'rizultat tal-hsara fuq imsemmija fl-ammont ta' tnax-il elf tminn mija u hamsa u tmenin lira (Lm12,785) jew ammont verjuri;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom biex ihallsu lill-attur nomine kif surrogat fid-drittijiet tal-kumpanija Multi Packaging Limited l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju 1988 u bl-imghax legali mit-12 ta' Jannar 1988 id-data tal-konsenja, kontra l-konvenuti nomine jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi fl-ewwel lok l-ebda vapur RYBNIK ma wasal Malta fil-25 ta' Dicembru 1987 u nhattet merkanzija minn fuq l-imsemmi vapur fis-26 ta' Dicembru 1987.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandha tigi esibita l-polza ta' assikurazzjoni relattiva ghall-merkanzija "de quo".

3. Illi fit-tielet lok u bl-pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine qdew il-funzjonijiet kollha minnhom rikjesti mill-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Salvino Ellul Sullivan et nomine fejn qalu:

1. Illi huma ma humiex responsabbli ghall-merkanzija imsemmija fic-citazzjoni stante illi din ma waslitx Malta fuq il-vapur "Rybnik" fis-26 ta' Dicembru 1987, u ghalhekk it-talbiet ta' l-attur nomine ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Jannar 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Gavin Gulia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata wara li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-19 ta’ Gunju 1996 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fis-6 ta’ Novembru 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

B’riferenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Godwin Abela et nomine, jirrizulta li b’digriet tat-12 ta’ Jannar 1989 intlaqghet it-talba ta’ l-atturi nomine sabiex issir korrezzjoni fic-citazzjoni u fl-annessa dikjarazzjoni fis-sens li kull fejn hemm l-isem tal-vapur “Rybnik” dan jigi sostitwit bl-isem “Zeran”. Il-konvenuti fil-fatt fl-istess seduta taw ruhhom b’notifikati bic-citazzjoni kif hekk korretta. Ghalhekk il-Qorti mhijiex se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni.

Dwar it-tieni eccezzjoni, ma tidher li hemm l-ebda utilita` biex tigi esebita l-polza ta’ assikurazzjoni relattiva ghall-merkanzija in kwistjoni.  Id-discharge and subrogation receipt (Dok. C a fol. 10) hija wahedha evidenza bizzejjed ta’ l-ezistenza tal-polza relattiva. Barra minn hekk hemm ix-xiehda ta’ Joseph Pace li jikkonferma li s-socjeta` Multi Packaging Limited kienet assikurat il-merkanzija in kwistjoni, u dan tramite l-kumpanija Trident Limited. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni hi michuda.

Fil-mertu jirrizulta li fil-25 ta’ Dicembru 1987 wasal Malta l-vapur “Zeran” u l-ghada nhattu minnu mija tnejn u erbghin

reel fluting paper li kienu destinati lis-socjeta` Multi Packaging Limited. Dawn kienu stivati fuq bolsters jew maffi li ma kellhomx roti. Qabel ma tnizzlet din il-merkanzija, is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. kienet avzat lir-rapprezentant ta' l-agent, ix-xhud Maurice Fenech Gonzi, li ma kienx hemm post fix-shed biex il-merkanzija tidhol stivata u ghalhekk kien hemm il-possibilta` li l-vapur ma jhottx. Izda l-Cargo Handling offriet lill-agent zewg alternattivi: li l-flat tops l-merkanzija fuqhom jibqghu barra u jitghattew sewwa u l-ghata kellu jsir mill-istess agent, jew li l-merkanzija titnehha minn fuq il-flat tops kif titnizzel mill-vapur u tiddahhal fit-tinda billi kien hemm spazju ghal daqshekk. Intghazlet l-ewwel alternattiva. Pero` ghamlet xita qawwija u l-merkanzija xxarbet minn taht billi l-ilma fl-areja fejn kienet tqeghdet il-merkanzija ghola u xarrab ir-reels fil-parti t'isfel taghhom. Jidher li din il-merkanzija giet trasferita ghal go shed fl-4 ta' Jannar 1988. Li r-reels ma kinux ixxarbu bl-ilma bahar gie kkonfermat minn testijiet li saru mill-Mediteranean Survey Bureau Limited, kif jirrizulta mid-Dok. F. U mir-rapporti ta' l-ufficcju meteorologiku jirrizulta li ghamlet ammont kbir ta' xita bejn il-31 ta' Dicembru 1987 u l-1 ta' Jannar 1988 (ara xiehda ta' Major Joseph Mifsud).

Meta s-socjeta` importatrici rtirat il-merkanzija u skopriet il-hsara li kienet saret, kitbet lis-socjetatjiet konvenuti u ghamlet claim mas-socjeta` assikuratrici attrici ghall-valur ta' dawn ir-reels. Wara survey li sar, intlahaq ftehim fis-sens li s-socjeta` importatrici taccetta 65% mill-invoice value ta' dawn ir-reels. Fil-fatt is-socjeta` assikuratrici halset lis-socjeta` importatrici s-somma ta' Lm12,785, u dan oltre li halset Lm100 ghas-survey report. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob issa l-hlas ta' dawn l-ammonti mis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom.

Dwar l-ammonti msemmija ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni evidenti u primarja hija dwar ta' min hi r-responsabbilta` ghall-hsara li grat fil-merkanzija in kwistjoni wara li ttiehdet id-decizjoni mir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur biex tinhatt il-merkanzija u tithalla barra f'areja taht il-kontroll tal-Cargo

Handling filwaqt li tinzamm unitised u titghatta mill-istess agent tal-vapur.

Skond Maurice Fenech Gonzi, huwa ha struzzjonijiet minghand il-principal tieghu sabiex ihott il-merkanzija, ihalliha fuq il-maffi barra u jghattiha. Qal li kien diga` ghamel hekk f'okkazjoni precedenti. Pero` l-agent tal-vapur isostni li r-responsabbilta` tieghu kienet tasal sal-punt li jghattu l-merkanzija tajjeb u mhux oltre. Joseph Paris ghall-Cargo Handling isostni li ghamilha cara lir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur li l-merkanzija kellha tibqa' a riskju ta' l-istess agent sakemm iddum barra x-shed.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jikkonkludi li s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. ghandha tinzamm unikament responsabbli ghall-hsara fil-merkanzija in kwistjoni u dan wara li jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"22. Ir-relazzjoni bejn l-attur u l-carrier hija rregolata mill-Bill of Lading. Skond dan il-kuntratt ir-responsabilita' tal-Carrier u ta' l-agent tieghu kellha tispicca malli l-merkanzija tigi mahtuta minn fuq il-vapur. Appena jsir dan ir-responsabilita' tghaddi ghal fuq il-persuni li taht il-kontroll taghhom ghaddiet il-merkanzija, u cioe' s-socjeta' Cargo Handling Ltd.

Taht din il-Bill of Lading insibu hekk:

Art. 3 Period of responsibility:

Goods in the custody of the Carrier or his Agents or servants before loading and after discharge, whether being forwarded to or from the vessel or whether awaiting shipment, landed or stored, or put into hulk or craft belonging to the Carrier or not, or pending transhipment at any stage of the whole transport, are in such custody at the sole risk and expense of the Merchant and thus **the Carrier has no responsibility whatsoever of the goods prior to the loading on and subsequent to the discharge from the vessel.**

23. Skond din il-klawsola tal-Bill of Lading, il-Carrier, u l-agent tieghu rappresentat mill-konvenut Ellul Sullivan huma biss responsabbli ghal kull dannu li seta' gie soffert mill-merkanzija **waqt il-vjagg** kif definit mill-klawsola nru 3 tal-Bill of Lading. Mit-tally sheets markati EF1 EF2 EF3 EF4 jirrizulta illi l-merkanzija ma batiet l-ebda hsara matul il-vjagg.

Is-socjeta' konvenuta Cargo Handling Ltd. pero' tallega li kien hemm estenzjoni tar-responsabbilta' tal-agent tal-vapur ghall-merkanzija de quo a bazi tal-ftehim verbali li ntlahaq bejn ix-xhieda Fenech Gonzi u Joseph Paris. Mentri l-agent tal-vapur isostni illi qatt ma ntlahaq ebda ftehim li a bazi tieghu b'xi mod giet estiza r-responsabilita' tieghu ghall-merkanzija in kwistjoni wara li din tnizzlet mill-vapur.

24. Jezisti ghalhekk konflitt bejn iz-zewg konvenuti dwar il-ftehim li seta ntlahaq bejniethom. L-oneru tal-prova fl-istess rigward jaqa fuq min qed jallega l-ftehim u cioe' fuq is-socjeta' Cargo Handling.

25. Interpretazzjoni awtorevoli tal-oneru tal-prova tinsab fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Jannar 1995, fl-ismijiet **'Abram Bezzina vs Joseph Falzon"** fejn l-istess Qorti taghat interpretazzjoni dwar ir-relazzjoni li tezisti bejn it-teorija ta' *balance of probabilities* u l-konvinciment morali tal-gudikant.

26. Wara li ezamina l-atti kollha tal-kawza l-esponent hu tal-fehma illi s-socjeta' Cargo Handling Ltd. ma rnexxiliex tipprova sodisfacentament cioe' sal-grad li titlob il-ligi f'materja civili, illi sar il-ftehim li l-istess socjeta' qed tallega.

Di piu' huwa importanti li wiehed izomm prezenti illi f'materja legali ta' din ix-xorta il-ftehim dwar l-estenzjoni tar-responsabilita', li s-socjeta' Cargo Handling Ltd. qed tallega li sar, kieku effettivament sar ma kienx ikun sufficjenti li jsir biss verbalment.

Hemm il-limitazzjoni tar-responsabilita' tal-Carrier u l-agenti tieghu li tohrog mill-istess Bill of Lading. A bazi tal-principju *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur,* ftehim verbali anke kieku stess dan sar ( u fil-kaz prezenti, kif ga nghad, ma jidhirx li sar), mhuwiex sufficjenti biex ixejjen tali limitazzjoni jew b'xi mod jestendiha oltre.

27. Dwar dan il-punt hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Konti Edward Sant Fournier vs Agostina Mifsud et noe.** li giet deciza fit-18 ta' Novembru 1938 (Kollez. XXX-i-707) fejn gie enuncjat il-principju li 'c-certezza u l-fermezza … *huma mehtiega fl-operazzjonijiet tal-kummerc, specjalment marittimu, biex ma jinqalghux kwistjonijiet bejn il-partijiet, ….(Kollez. XXX-1-719'.*

**28.** Hemm imbaghad konsiderazzjoni ohra ta' natura fattwali. L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili jistipula illi:

1033. kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk.

29. Irrizulta illi meta l-merkanzija xxarrbet din ixxarbet:

- wara li kienet tnizzlet minn fuq il-vapur
- wara li kienet tghabbiet sew
- wara li kienet f'area taht il-kontroll tal-Cargo Handling Ltd.
- minn taht, jigifieri ghax l-ilma ngabar u ghola fl-area fejn kienet qeghda.

30. Ghalhekk ma jistax ikun hemm dubju li kienet l-istess socjeta' Cargo Handling Ltd. li tahti ghal-hsara li batiet il-merkanzija in kwistjoni. Hadd hlief il-Cargo Handling Ltd. ma kellu s-setgha u d-dover li jipprevjeni c-cirkostanzi li taw lok ghat-tixrib tal-istess merkanzija. Din kienet f'area kontrollata minn Cargo Handling Ltd. Kien ghalhekk id-dmir ta' l-istess socjeta' li tara li l-istess area

miftuha jkollha draining system efficjenti ghall-ilma tax-xita specjalment tenut kont tal-fatt li kienet fid-drawwa, sajf u xitwa, li thalli l-merkanzija (mahtuta minn fuq bastimenti) stivata hemm kull meta ma jkunx hemm bizzejjed post fix-shed.

31. Kien nuqqas gravi da parti l-imsemmija socjeta' li taghti l-opportunita' li jhallu l-merkanzija mghottija fi spazju miftuh minghajr ma taccerta ruhha li l-istess spazju kien fi stat adegwat biex fih tinzamm il-merkanzija minghajr riskju ta' hsara, b'mod partikolari hsara li tista torigina minhabba nuqqasijiet da parti tal-istess Cargo Handling Ltd.

Dan kien dover sacrosant tal-Cargo Handling Ltd. u taghha biss billi l-ispazju miftuh in kwistjoni kien totalment u unikament taht il-kontroll taghha. Dan id-dover irid jigi konsidrat indipendentement minn kull ftehim li l-istess Cargo Handling Ltd. tallega li kien jezisti.

32. Ix-xhud Paris, rappresentant tal-Cargo Handling Ltd. sostna fix-xhieda tieghu illi *'fil-post fejn kienet il-merkanzija, ma jzommx ilma u mhux normali li l-ilma jghola f'dak il-post. Mal-post kollu hemm toqob biex l-ilma jddrejnja ghall-bahar.'* Id-dover tal-Cargo Handling Ltd. pero' kien imur oltre. Din kellha l-obbligu li taghmel il-maintenance necessarja biex tara li din is-sistema ta' drainage tal-ilma tax-xita tkun tiffunzjona adegwatament. Il-fatti juru li maintenance ma saritx u l-ilma ghola b'mod illi xarrab il-merkanzija li kienet fuq il-maffi. Is-socjeta' Cargo Handling Ltd. ma gabet ebda prova ta' maintenance fir-rigward tad-drainage system li b'xi mod setghet tezoneraha minn din ir-responsabilita'. Fil-fehma tal-esponent il-*causa causans* tal-hsara kien il-fatt – nuqqas ta' manutenzjoni tad-drainage system da parti tal-Cargo Handling.

33. Ghalhekk fil-fehma tal-esponent l-istess socjeta' konvenuta Cargo Handling Ltd. ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-hsarat ikkawzati taht l-Art. 1033 tal-Kodici Civili peress illi l-istess socjeta''naqset minn dmirijietha bil-konsegwenza li kkawzat il-hsarat sofferti mill-atturi."

Minn ezami tal-provi prodotti u tad-dokumenti esibiti il-Qorti hija tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-ligi applikabbli u ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni minnu raggunta u li taghmel taghha.

Dwar id-danni pretizi mis-socjeta` attrici fl-ammont komplessiv ta' Lm12,885, stante konferma tal-hlas ta' dawn l-ammonti u nuqqas ta' kontestazzjoni dwarhom, taqbel li tali ammont ghandu jithallas lilha mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti Salvino Ellul Sullivan et nomine u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, izda tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine u tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront taghhom u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenuti Godwin Abela et nomine responsabbli ghall-hsara li garbet il-kumpanija Multi Packaging Limited u ghad-danni sofferti b'rizultat ta' l-istess,
(2) tillikwida d-danni sofferti b'rizultat tal-hsara fuq imsemmija fis-somma mitluba ta' tnax-il elf tmien mija u hamsa u tmenin liri Maltin (Lm12,885),
(3) tikkundanna lill-konvenuti Godwin Abela et nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma hekk likwidata ta' tnax-il elf tmien mija u hamsa u tmenin liri Maltin (Lm12,885) bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Godwin Abela et nomine salv dawk tal-konvenuti Salvino Ellul Sullivan et nomine li jigu sopportati mill-attur nomine

ONOR. IMHALLEF
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**